# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 50/2016

**Il-Pulizija**

**vs**

**Clodomiro Mejlak**

Seduta tat-30 t'Ottubru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant, Clodomiro Mejlak, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 195461M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi u maghmula b'rizoluzzjoni wahda, dawn l-atti jitqiesu bhala reat wiehed imsejjah reat kontinwat, ghax-xhur ta' Mejju 2015, Gunju 2015, Lulju 2015, Awwissu 2015 u Settembru 2015 f'dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lil Alicia Laquio Mejlak, is-somma ta' €300 kull erba' gimghat, €200 kull erba gimghat ghall-minuri Leonardo, iffissata minn

dik il-Qorti jew stipulata fil-kuntratt bhala manteniment ghal uliedu fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih, skond l-ordni jew dak il-kuntratt kellha tithallas is-somma, skond Kap 9 Artiklu 338(z);

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-1 ta' Frar, 2016 li biha sabet lill-appellant hati tal-imputazzjoni kif dedotta mill-Prosekuzzjoni u ikkundannatu ghall-piena ta' tliet xhur prigunerija;

Rat ir-rikors tal-appell ta' Clodomiro Mejlak, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-4 ta' Frar, 2016, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u ma ssibx htija fl-appellant;

Semghet lill-kwerelanta bil-gurament;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bi tlett gravami, l-ewwel wiehed fuq is-sejbien ta' htija bit-tieni u t-tielet wiehed dwar il-piena erogata. Fl-ewwel aggravju tieghu l-appellant jargumenta illi l-kwerelanta ma kienitx dovuta manteniment ghaliha personalment u l-manteniment kien

biss dovut ghall-binhom fl-ammont ta' €200 kull erba' gimghat;

2. Din il-Qorti semghet mill-gdid lill-kwerelanta u rat l-affidavit ta' WPC 41. Minn dan tal-ahhar jemergi illi l-kwerelanta ghamlet rapport l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun li l-appellant naqas li jtiha l-manteniment ghax-xhur indikati fic-citazzjoni. Il-kwerelanta xehedet illi l-appellant kellu jhallasha €300 kull erba' gimghat ghall-manteniment ta' binha u dan skond l-ahhar digriet tal-Qorti f'Awwissu tas-sena 2017;

3. Fl-udjenza tal-1 ta' Frar, 2016 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) hemm indikat li l-kwerelanta ezebiet kuntratt u sentenza. Fl-atti processwali ma hemmx dawn id-dokumenti izda hemm kopja ta' Digriet tal-21 ta' Mejju 2014 u iehor tal-21 ta' Mejju 2015 t-tnejn moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja). Permezz tal-ewwel digriet, il-Qorti kienet ordnat lill-appellant ihallas lill-Alicia Meilak manteniment ghaliha fis-somma ta' €250 kull erba' gimghat u €200 kull erba gimghat ghall-minuri Leonardo b'effett mit-2 ta' Mejju 2014. Sussegwentement l-appellant kien intavola rikors sabiex jitnehha l-obbligu tieghu li jhallas manteniment lill-kwerelanta (izda mhux ta' binhom). Dan ir-rikors intlaqa' permezz ta' digriet moghti fil-21 ta' Mejju 2015;

4. Dan ifisser illi l-ewwel Qorti qatt ma setghet legalment issib lill-appellant hati tal-imputazzjoni fejn din tirreferi ghall-hlas ta' manteniment dovut lill-kwerelanta fl-ammont ta' €300 fix-xahar ghax-xhur ta' Gunju, Lulju, Awwissu u Settembru 2015 u setghet issibu hati biss kwantu x-xahar ta' Mejju 2015 fl-ammont ta' €250 dwar manteniment

pagabbli lill-kwerelanta. Kienet legalment korretta izda l-ewwel Qorti kwantu sejbien ta' htija ghall-dak li jirrigwarda l-manteniment pagabbli ghall-minorenni.

5. Illi ghalhekk, jekk bl-ewwel aggravju tieghu l-appellant ried ifisser li l-ewwel Qorti ma setghetx issibu hati tal-fatti imputati huwa ghandu ragun biss parzjalment kif appena spjegat;

6. Ghalhekk din il-Qorti tiddisponi minn dan l-appell billi tirriforma s-sentenza appellate billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant hati talli ghax-xhur ta' Mejju 2015, Gunju 2015, Lulju 2015, Awwissu 2015 u Settembru 2015 f'dawn il-Gzejjer naqas milli jaghti lil Alicia Laquio Mejlak, is-somma ta' €300 kull erba' gimghat, u minflok, **wara li rat l-artikolu 18 u 338 (z) tal-Kodici Kriminali, issibu hati talli kiser l-istess disposizzjoni tal-ligi maghmula b'rizoluzzjoni wahda meta ghax-xahar ta' Mejju 2015, naqas milli jaghti lil Alicia Laquio Mejlak is-somma ta' €250. Tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu hati talli ghax-xhur ta' Mejju 2015, Gunju 2015, Lulju 2015, Awwissu 2015 u Settembru 2015 naqas milli jhallas manteniment ghall-minuri Leonardo, iffissata mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja);** Thassarha wkoll f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant ghall-terminu ta' prigunerija ta' tliet xhur u stante li hemm lok ghal riforma fil-piena, tikkundanna lill-appellant ghal detenzjoni ghal zmien erbghin (40) jum.